# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1713/99mm**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Zammit, sia bil-polza u sia bil-ligi**

**vs**

**Tancred Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Novembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u sittin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (Lm569.74) bhala danni minnu kkagunati u minnu subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fil-11 ta' Marzu,1999 f'Naxxar Road, San

Gwann ghall-habta ta' 10:30a.m. bejn il-vettura tat-tip Alfa Romeo numru ta' registrazzjoni CAI 056 misjuqa minnu u l-vettura numru ta' registrazzjoni DAD 999 misjuqa minn Joseph Zammit u li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minnhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjern proceduri, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, b'anness Dok A.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-assikurat tal-attur Joseph Zammit minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Joseph Zammit hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta' attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fil-11 ta' Marzu,1999 ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu go Naxxar Road, San Gwann kantuniera ma' Triq Felic Borg. Involuti kien hemm il-karozza numru DAD 999 misjuqa minn Joseph Zammit u l-karozza CAI 056 misjuqa mit-Tabib Dr Tancred Busuttil. Jidher illi z-zewg vetturi kienu misjuqa fl-istess direzzjoni lejn in-Naxxar, izda l-karozza misjuqa minn Dr Tancred Busuttil kienet fuq in-nahha tal-lemin tat-triq bil-karozza l-ohra DAD 999 fuq ix-xellug. Hin minnhom jidher illi Dr Busuttil ried idur lejn ix-xellug ghal go Triq Felic Borg u waqt illi kienet qed issir din il-manuvra saret il-kollizzjoni. Wara l-vettura misjuqa minn Zammit hemm 8.80meters brake marks. Dawna ma jsarfux f'xi velocita' eccessiva peress illi skond ic-charts rilaxxati dawna jirrifflettu biss f'velocita' ta' 45 kilometru fis-siegha.

Zammit ighid illi Busuttil darlu f'daqqa lejn ix-xellug u ma ndunax bih qabel l-incident. Kellu hsara fuq quddiem in-nahha tax-xellug,mentri l-karozza misjuqa mit-tabib Busuttil kellha hsara fuq il-gemb xellugi tieghu. Dr Busuttil ighid illi huwa kien qed isuq fuq in-nahha tax-xellug tat-triq u gie biex idur lejn ix-xellug ghal got-Triq Felic Borg izda waqt li kien qed jaghmel hekk giet

il-karozza l-ohra minn wara u baqghet diehla go fih. Filwaqt illi jghid illi hu ntlaqat minn wara rrizulta illi l-hsarat fil-karozza tieghu kienu mal-bibien tax-xellug. Dawn il-hsarat jindikaw illi kienet il-karozza tat-Tabib Busuttil illi qabdet u daret lejn ix-xellug u b'hekk hasad lis-sewwieq tal-karozza DAD 999 li kellu hsarat fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Bid-daqqa l-karozza DAD 999 ntefghet fuq il-bankina lejn ix-xellug.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib illi r-responsabbilta' ta' dan l-incident ghandha taqa' nettament fuq it-Tabib Tancred Busuttil illi jidher li biddel id-direzzjoni tieghu lejn ix-xellug minghajr preavviz jew minghajr ma qaghad attent illi l-utenti l-ohra tat-triq fehmu l-intenzjoni tieghu illi jdur lejn ix-xellug. Fuq in-nahha tal-lemin tieghu kien hemm il-karozza misjuqa minn Zammit DAD 999 u jidher illi Busuttil ma tax l-opportunita' lil din il-karozza tnaqqas il-velocita' taghha jew inkella thalliha tghaddi qabel huwa ma jdur lejn ix-xellug. Il-hsarat kif subiti mill-karozzi jindika illi kien Busuttil illi dahal fuq Zammit u mhux vice versa. Anke l-fatt illi Zammit intefa fuq il-bankina tindika illi kienet il-vettura tieghu illi ntalqet mill-vettura l-ohra u mhux vice versa. Dana jkompli jikkorrobora t-tip ta' hsarat li sofrew il-karozzi u d-direzzjoni illi t-tnejn hadu fl-agonija ta' dan l-incident. Ghal dak illi huwa l-quantum tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut it-Tabib Dr Tancred Busuttil responsabbli ghal dan l-incident illi gara fil-11 ta' Marzu, 1999 f'Naxxar Road, San Gwann meta kien qed isuq il-karozza CAI 056 u habat mal-vettura DAD 999 misjuqa minn Joseph Zammit u dana minnhabba mprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni subiti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta'  hames mija u disgha u sittin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (Lm569.74) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk indikat mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg